MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 962/2001/1

**The Village Bakery Co Ltd**

**vs**

**Albert Balzan**

**Il-Qorti,**

Fil-21 ta’ Mejju 2002 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ disgha mija u sebgha u tmenin lira

Maltija u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm987.24) hlas dovut ghall-bejgh u konsenja ta' merci.

Ra r-risposta tal-konvenut, u li permezz taghha ddikjara li m'hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet peress li a kuntrarju ta' dak li qed jigi allegat mis-socjeta attrici ma sehh l-ebda bejgh bejniethom.

Ra s-sentenza parzjali tat-12 ta' Marzu 2002 li biha giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Semgha x-xhieda li tressqet mill-kontendenti.

Ra l-atti tal-kawza, inkluz in-nota ta' sottomissjonijiet li giet prezentata mill-konvenut fit-2 ta' Mejju 2002..

Ikkunsidra:

1. Fis-sentenza tat-12 ta' Marzu 2002, it-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li l-konvenut kien impjegat mas-socjeta attrici u fil-qadi ta' dmirijietu kien iqassam ix-xoghol lill-klijenti taghha.

2. Ghalkemm fl-avviz tat-talba jinghad li l-hlas huwa dovut bhala hlas ta' prezz ghall-bejgh ta' merci, il-hlas huwa dovut bhala rifuzjoni ta' flus li l-konvenut, bhala mpjegat tas-socjeta attrici, gabar ghan-nom taghha fil-kors tal-qadi ta' dmirijietu. B'daqshekk ma jfissirx li t-talba tas-socjeta attrici ghandha tigi michuda. F'dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel riferenza ghall-Artikolu 213 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) li jipprovdi:

*"Fl-ewwel grad, fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni taghha inferjuri, jekk ma tigix ippruvata t-talba kif imfissra fic-citazzjoni, izda jigi ppruvat jedd iehor ghad li dan il-jedd l-iehor ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali, il-qorti tista' tiddecidi fuq dan il-jedd l-iehor kif ikun gie hekk ippruvat, fuq l-istess citazzjoni"*.

Artikolu li huwa ntiz li jnehhi l-formalizmu zejjed mill-proceduri li jinstemghu quddiem il-Qrati Inferjuri u jizgura

l-ekonomija tal-gudizzji. Ghalkemm fl-Att V ta' l-1995 (li bih gie kostitwit it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar) ma nsibux provvediment li bih l-Artikolu 213 sar applikabbli ghall-proceduri quddiem it-Tribunal, m'hemm xejn fil-ligi li jzomm lit-Tribunal milli japplika l-principju hemm enuncjat, meta wiehed iqies ukoll in-natura nformali ta' proceduri li jinstemghu quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

3. Il-konvenut baqa' jinsisti sa l-ahhar li huwa qatt ma kien impjegat mas-socjeta attrici, tant li skond hu lanqas id-dettalji tieghu ma kellhom. B'danakollu, ma jinnegax li ghamel perjodu ta' zmien jiehu u jqassam ix-xoghol. Xehed li kien gie nkarigat biex jaghmel dan ix-xoghol minn terza persuna, liema persuna qatt ma tressqet bhala xhud quddiem dan it-Tribunal u qatt ma ssemmiet b'isimha. Li l-konvenut kien jiehu x-xoghol huwa kkonfermat mid-dokumenti li gew prezentati mis-socjeta attrici (ara fol. 37 – 64) fejn hemm diversi *delivery notes* bil-firma tal-konvenut, li sahansitra kkonferma li l-firma fuq id-*delivery notes* hija tieghu. Mill-atti jirrizulta li *delivery note* wahda biss (numru 42404) ma gietx iffirmata (fol. 39).

4. Min-naha tieghu l-konvenut xehed li fil-perjodu qasir li fih kien iqassam ix-xoghol, il-flus li kien jigbor kien jaghtihom lura lis-socjeta attrici. L-oneru tal-prova kien jinkombi fuq il-konvenut (*iuxta allegata et probata*), izda l-konvenut naqas milli jressaq provi sodisfacenti sabiex jissostanzja din l-asserzjoni. L-istess japplika in kwantu l-konvenut xehed li kien hemm okkazzjoni meta ha lura vann mimli xoghol li ma kienx tqassam. Il-konvenut lanqas ma allega jew ressaq xi prova li matul il-perjodu in kwistjoni kien ghadu ma gabarx xi flus minghand il-klijenti tas-socjeta attrici bhala hlas ghax-xoghol li jkun qassam, f'liema eventwalita dak l-ammont kien ikollu jitnaqqas mill-ammont mitlub mis-socjeta attrici. L-argument imressaq mill-konvenut li s-socjeta attrici ma ressqet l-ebda kuntratt li jimponi xi obbligu li jingabru l-flus, hija kontradetta mix-xhieda tieghu nnifsu in kwantu huwa stess jikkonferma li kien jigbor il-flus minghand il-klijenti.

5. B'riferenza ghax-xhieda moghtija mir-rapprezentant tas-socjeta attrici, il-fatt li fil-perjodu in kwistjoni kien

ghadu mhuwiex impjegat ma jfissirx b'daqshekk li x-xhieda tieghu m'hijiex ammissibbli. Ix-xhud kien qieghed jixhed mir-records tal-kumpannija u minn taghrif li kiseb minn fuq il-post tax-xoghol. F'kull kaz, it-Tribunal m'huwiex marbut *"bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xiehda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xiehda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta' l-kaz li jkun qed jittratta"* (Artikolu 9[2][b] tal-Kap. 380).

6. It-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjeta attrici rnexxielha taghti prova tal-pretenzjoni taghha, b'dan li mill-ammont mitlub qeghda titnaqqas is-somma ta' Lm159.93 li tirreferi ghad-*delivery note* numru 42404 peress li ma tressqet l-ebda prova li x-xoghol kien inghata lill-konvenut sabiex jitqassam.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tmien mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija (Lm827.31), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut."

Il-konvenut hass ruhu aggravat b'din is-sentenza u minnha nterpona appell bl-aggravju illi s-socjeta` appellata naqset li ggib l-ahjar prova u li konsegwentement it-Tribunal ghamel apprezzament erroneu u ikkonkluda zbaljatament meta ppretenda provi sostanzjati minn ghandu.

L-ewwel osservazzjoni li din il-Qorti trid taghmel fir-rigward ta' dan l-aggravju hu s-segwenti.

Qabel xejn l-appellant jehtieglu jipprova li t-Tribunal mar gravament kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` u ta' l-ekwita` bi pregudizzju ghall-jeddijiet tieghu. Dan kif sancit fl-Artikolu 8 (2) (d) tal-Kap 380.

Jinsab in effetti ritenut illi "huwa mportanti illi d-disposizzjonijiet ta' l-Att V ta' l-1995 li jillimitaw id-dritt ta' appell ma jigux estizi indebitament kontra l-volonta` tal-

legislatur. Ghalhekk isegwi li l-kompitu ta' din il-Qorti ghandu jkun ristrett ghall-ezami akkurat tas-sustanza ta' l-appell biex jigi konsiderat l-ewwel u qabel kollox jekk l-istess appell jinkwadrax ruhu fil-parametri ta' appellabilita` prevista mil-ligi, ghaliex jekk ma jinkwadrax ruhu f'dawk il-parametri allura d-dover ta' din il-Qorti huwa li jiddikjara l-istess appell bhala irritu u null" – "**John Attard –vs- Charles Agius**", Appell, 14 ta' Gunju 2001.

Issa l-obbjezzjoni principali tal-appellant kontra s-sentenza appellata tikkonsisti fil-fatt illi t-Tribunal ghamel applikazzjoni zbaljata ta' l-Artikolu 9 (2) tal-Kap 380.

Wiehed necessarjament jifhem minn dak ravvizat mill-korp ta' l-appell tieghu illi l-appellanti kellu 'in forma mentis' il-provvediment stabbilit fis-subinciz (b) ghall-imsemmi Artikolu. Liema dispost jippreciza illi l-Gudikatur "ghandu jitgharraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xiehda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xiehda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta' l-kaz li jkun qed jitratta".

Fil-fehma ta' din il-Qorti ma jidherx li l-analizi li ghamel it-Tribunal tista' titqies guridikament fallaci.

Meta t-Tribunal qies il-linja difensjonali tal-konvenut kien jidher aktar minn ovvju illi l-oneru tal-prova tal-hlas tal-partiti affidati lilu ghat-tqassim lill-klijentela tas-socjeta' appellati kien jinkombi fuqu. Hekk ukoll kien jispetta lill-appellanti illi jissostanzja d-difiza tieghu dwar in-nuqqas ta' gbir tal-flus minghand il-klijenti jew li certu xoghol ma kienx tqassam u gie ritornat lura.

Huwa ben assodat fil-gurisprudenza illi min jallega l-pagament ghandu jipprovah ghas-sodisfazzjon tal-Qorti u fid-dubju u fin-nuqqas ta' ricevuta ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-debitu ma thallasx jew ma giex saldat ("**Rosario Spiteri –vs- Michele Mifsud**", Appell Kummercjali, 30 ta' Ottubru 1953).

Id-dottrina legali takkordalu ukoll mezzi ohra in mankanza ta’ l-ahjar prova – r-ricevuta – biex jiddimostra li l-attur gie sodisfatt (“**Giuseppe Darmanin –vs- Salvatore Muscat**”, Prim’Awla, Qorti Civili, 23 ta’ Frar 1965). F’sitwazzjoni ta’ dubju l-Qorti ma tistax, in assenza ukoll ta’ korroborazzjoni adegwata tal-posizzjoni assunta mill-appellanti, ma tikkonkludix li l-allegazzjoni tieghu ma gietx ipprovata (“**Joe Chetcuti et –vs- Joseph Pearson et noe**”, Appell, 5 ta’ Ottubru 1998). Dan, multo magis, imbaghad, meta l-appellant stess ikkonferma li l-flus kien gabarhom minghand il-klijenti.

Huwa bil-wisq car illi l-aggravju ma huwa xejn hlief kritika tal-apprezzament li ghamel it-Tribunal ghal dawk li huma fatti u konsiderazzjonijiet legali relatati ghal dawn l-istess fatti. Jista’ ghalhekk jinghad minn skrutinju ta’ l-obbjezzjonijiet ta’ l-appellanti illi ma tezisti l-ebda nuqqas li l-ligi tippostula bhala l-uniku motiv li jaghti dritt ghall-appell. Apparti l-kwestjoni ta’ l-imparzjalita` li certament hawnhekk ma tokkorriex lanqas ma jista’ jinghad illi l-appellanti wera pozittivament illi d-decizjoni “b’mod gravi” tinsab fondata kontra d-dettami ta’ l-ekwita`. Fil-verita` t-Tribunal ma ghamel l-ebda ezercizzju ta’ ekwita` u d-decizjoni tieghu kienet bazata unikament fuq konsiderazzjonijiet fattwali li rrizultawlu.

Ma jkunx inopportun li jigi ribadit il-hsieb formulat fid-decizjoni ta’ din il-Qorti tas-26 ta’ Ottubru 2001 fil-kawza fl-ismijiet “**Peter Mifsud et –vs- Joseph Camilleri**”:-

“Tajjeb li jinghad li l-Att V ta’ l-1995 kien gie mahsub biex jaghti diskrezzjoni lit-Tribunal biex jekk hemm bzonn dan joqghod fuq konsiderazzjonijiet ta’ ekwita` u mhux ikun marbut b’parametri strettament legalistici.”

Il-Qorti tinnota li dan il-principju gie applikat ukoll f’dan il-kaz tant li t-Tribunal adduca wkoll li kien hemm lok ghat-tnaqqis mis-somma domandata mis-socjeta’ appellata. L-appell allura ma jistax jigi sostenut anke ghaliex il-Qorti ma tista’ tirriskontra l-ebda lezjoni la tal-ligi u lanqas tad-dritt ekwitattiv li b’xi mod ippregudika l-jeddijiet tal-appellanti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

--------------------------------TMIEM--------------------------------